# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018**

**Kawza Numru : 27**
**Rikors Guramentat Numru : 628/2017/LSO**

**Mustafa Fiseni Zeda Passaport Nru. H 2632098**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mustafa Fiseni Zeda datat 13 ta' Lulju 2017 fejn espona: -

Illi r-rikorrenti zzewweg gewwa Malta nhar is-Sibt hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2014 u dan kif jixhed l-estratt veru mill-Att taz-Zwieg Nru 118/2014, anness u mmarkat bhala 'Dok A'. F'dan ic-certifikat, il-post tat-twelid tar-rikorrent gie indikat **erronjament** bhala 'Bondoko Ivory Coast';

Illi l-estratt mir-Registru tat-Twelid li jappartjeni lir-rikorrenti, liema ceritifikat huwa mahrug mir-Repubblika tal-Ghana u li jgib in-numru 4659, juri bic-car illi l-post tat-twelid tar-rikorrent huwa indikat bhala 'Sunyani'. L-imsemmi estratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok B';

Illi apparti l-estratt hawn fuq imsemmi, il-passaport Ganjan tar-rikorrenti, liema kopja tal-passaport qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok C' jindika l-post tat-twelid bhala 'Sunyani';

Illi t-tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrent u ghalhekk huwa ghandu interess skont il-ligi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Zwieg tieghu;

Illi din l-inkonsistenza dwar il-post tat-twelid tar-rikorrenti li tirrizulta fl-Att taz-Zwieg sehhet biss minhabba zball li sar mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew impjegati tieghu, u ghalhekk l-esponenti m'ghandux jinkorri l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att taz-Zwieg bin numru ta' iskrizzjoni 118/2014, fis-sens illi l-post tat-twelid tar-rikorrenti ghandu jinbidel sabiex jigi jaqra 'Sunyani, Ghana';

2. Konsegwentement tordna illi fl-Att taz-Zwieg odjern isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "Post-tat-twelid" il-kliem "Bondoko Ivory Coast" jigi kkancellat u sostitwit bil-kliem "Sunyani Ghana" u dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'il quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Awwissu 2017 (fol 18) fejn l-Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u

dan abbazi tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tissottometti li hi mhix edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax mill-Att taz-Zwieg tar-rikorrent, anness u mmarkat bhala “Dok. DRP 1” li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 118 tas-sena 2014, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti, u dan kif ser jigi spjegat segwentament;

4. Illi mid-dikjarazzjoni taz-Zwieg ta' bejn l-attur u martu, l-attur stess kien iddikjara fost ohrajn illi l-post tat-twelid tieghu kien proprju l-'Bondoko, Ivory Coast' u dan kif gie debitament imnizzel fl-istess Att taz-Zwieg;

5. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti ukoll tigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, illi dakinhar tar-Registrazzjoni taz-Zwieg, minkejja li jidher li dakinhar taz-zwieg huwa kellu fil-pussess tieghu passaport, huwa qatt ma pproduca tali dokument *ai fini* ta' registrazzjoni izda minflok huwa pproduca lill-konvenut Direttur b'*'Temporary Humanitarian Document'. Fit-Temporary Humanitarian Document* kien hemm imnizzel li l-post tat-Twelid tieghu huwa proprju 'Bondoko, Ivory Coast' u proprju kien ghalhekk li l-konvenut nizzel tali post u mhux post iehor;

6. Illi permezz tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur, il-konvenut qed jirrealizza li mal-Awtoritajiet Maltin huwa dejjem iddikjara l-post tat-twelid tieghu bhala 'Bondoko, Ivory Coast', filwaqt ma' Awtoritajiet Barranin l-attur iddikjara li l-post tat-Twelid tieghu huwa 'Sunyani, Ghana';

7. Illi ghal tali motivazzjoni, l-esponenti hija tal-umli fehma illi fil-kaz odjern l-ufficjali tad-Dipartiment irregistraw l-informazzjoni skont kif din kienet pprovduta lilhom u b'hekk ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tad-Dipartiment;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi u kif ukoll li l-konvenut m'ghandux jinzamm responsabbli;

9. Illi fomalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017, *where when the case was called there appeared Dr Cappitta for the plaintiff, who was present, and Dr Stephanie Ellul. Dr Stephanie Ellul presented a note with attached documents and passed a copy to the counter party. The defence counsel agreed that the case should be adjourned for the final judgement for the proofs in record. The Court accedes to the request. The case was adjourned for judgement for the 30th January 2018 at 9:30a.m.*

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-17 ta' Lulju 2017 (fol 11) b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi korrett il-post tat-twelid tieghu fic-certifikat taz-zwieg tieghu f'Malta bin-numru 118/2014, billi fejn hemm "Post tat-Twelid" dak hemm imnizzel "Bondoko Ivory Coast" ghandu jigi sostitwit b' "Sunyani Ghana".

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-veracita` tal-korrezzjoni mitluba. Ghal dan il-ghan, gew esebiti, estratt mir-Registru tat-Twelid mahrug mir-Repubblika tal-Ghana, Dok B mar-rikors promotur, (kif ukoll l-original a fol 31 tal-process), u Dok C kopja tal-passaport Ganjan tieghu, (l-original esebit ukoll a fol 32), li juru li l-post tat-twelid tieghu huwa Sunyani Ghana.

Inoltre`, r-rikorrent xehed permezz ta’ affidavit (fol 24-25) fejn ikkonferma li hu wasal f’Malta fil-11 ta’ Settembru 2005, fejn kien iddikjara ruhu bhala 'asylum seeker', li huwa mill-Ivory Coast peress li hu ma jiftakar qatt li ghex fil-Ghana ghaliex il-genituri tieghu kienu haduh fl-Ivory Coast ta’ eta` zghira. Qal li kien biss wara li ltaqa’ mal-mara tieghu u bdew il-proceduri ghaz-zwieg, li kien ikkomunika mal-genituri tieghu u rcieva c-certifikat tat-twelid li kien ighid li twieled f’Sunyani Ghana. Spjega li kien biss sussegwentement ghaz-zwieg tieghu f’Malta, li rrealizza li c-certifikat taz-zwieg ma kienx qed jirrifletti l-post tat-twelid proprju tieghu.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza.

Illi din il-Qorti trid timxi abbazi tac-certifikat tat-twelid prodott mir-rikorrent li hija l-*prova regina* f'kawzi bhal dik odjerna. Dan hu sorrett mill-affidavit u mid-dokumenti l-ohra esebiti. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li l-post tat-twelid

tieghu huwa Sunyani Ghana. Ghalhekk, it-talba tieghu hija gustifikata.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-post tat-twelid li ghandu jigi attribwit ghad-Direttur intimat. Difatti, Dok DRP1 esebit mar-risposta tal-intimat huwa debitament iffirmat mir-rikorrent. *Di piu`*, mid-dokumenti esebiti man-nota tad-Direttur intimat ipprezentatat fit-23 ta’ Novembru 2017, jirrizulta li fid-dokumenti esebiti, ta’ protezzjoni Umanitarja Temporanja tar-rikorrent iddikjara l-post tat-twelid kien l-Ivory Coast. Ghalhekk, l-intimat m’ghandux jigi addebitat l-ispejjez ta’ dan il-kaz.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li ghandha ssir korrezzjoni fir-rigward tal-post tat-twelid tar-rikorrent kif indikat fl-Att taz-Zwieg Numru 118/2014, sabiex taht il-kolonna “Post tat-Twelid”, il-kliem “Bondoko Ivory Coast” ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem “Sunyani Ghana”.

2. Konsegwentement tilqa' t-tieni talba u tordna illi fl-Att taz-Zwieg imsemmi isiru l-korrezzjonijiet imsemmija mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "Post tat-twelid" il-kliem

"Bondoko Ivory Coast" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Sunyani Ghana" .

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-Ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**